MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Talba Numru. 692/2005

**Citadel Insurance p.l.c. (C-21550) kif surrogate fid-drittijiet tal-assikurat taghha Costantino Axisa (ID238438M) sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-stess Costantino Axisa**

**vs**

**Gilbert Bonnici (ID 375381M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Marzu, 2005 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsa u tletin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm235.54) rapprezentanti danni sofferti mill-attur Costantino Axisa in kwantu s-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00) rapprezentanti excess, u in kwantu l-bilanc rapprezentanti danni ohra sofferti mill-istess attur fil-vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru**

**ta' registrazzjoni JAK-453 assikurata mas-socjeta` attrici, li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta` attrici, u liema danni gew ikkawzati in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar il-25 ta' Marzu, 2003, fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Luqa, bejn il-vettura msmmija hawn fu misjqa minn Michlna Malla, u proprjeta` tal-attur Costantino Axisa, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAB-017 misjuqa mill-konvenut, u ghal liema danni jahti unikament l-istess konvenut minhabba imperizja, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li gie ingunt ghas-subizzjoni, u inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali prezentata kontra s-socjeta` assikuratrici tal-vettura misjuqa mill-konvenut ai termini tal-Kap.104.**

**Ra Li l-konvenut deher fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2005, pero` ma pprezentax risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Michelle Mallia, PS947 Adrian Paul Vella u Gilbert Bonnici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi t-talba hija ghall-hlas rezultanti minn kollizzjoni li sehhet fil-25 ta' Marzu, 2003, fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Luqa, bejn il-vettura JAK-453 tal-attur u l-vettura LAB-017 misjuqa mill-konvenut.**
**2. Skond ma jirrizulta mir-road accident report a fol. 11 et seq tal-process, is-sewwieqa tal-vettura tal-attur Michelle Mallia stqarret kienet sejra mid-direzzjoni ta' Santa Lucija fid-direzzjoni ta' Hal Qormi fil-karreggata ta' gewwa, meta waqfet fuq il-"give way sign" biex thalli xarabank tghaddi meta fsalt giet il-vettura misjuqa mill-konvenut minn wara u dahlet fiha. Il-konvenut stqarr li kien miexi fil-karreggata ta' barra bl-indicator mixghul miexi fid-direzzjoni ta' Hal Luqa, meta fsalt il-vettura misjuqa minn Mallia giet minn warajh u dahlet fih fil-genb in-naha tal-lemin.**

**3. L-attrici xehedet li kienet kwazi bi dritt il-petrol station li kien hemm fuq il-lemin taghha, meta waqfet minhabba il-"give way sign". Kienet gejja xarabank mid-direzzjoni taz-Zurrieq, u ghalhekk Mallia waqfet. Meta ghaddiet ix-xarabank tghid li gie l-konvenut u laqatha man-naha tax-xellug fil-kantuniera ta' quddiem. Tghid li hu laqatha bil-naha ta' quddiem tieghu. Pero` jigi rilevat li meta intwerew zewg ritratti lil Mallia, Dok.GB1 u GB2, li juru hsarat fuq wara fil-vettura taghha, hi wiewgbet: "…jekk f'dawn ir-ritratti jidher hekk fil-fatt hekk hu." Mistoqsija kif inhu possibbli li vettura gejja "at right angles" maghha meta hu kienet wieqfa, laqtita bil-parti posterjuri taghha, ix-xhud wiegbet li ma tafx twiegeb u tghid li hi kienet wieqfa.**

**4. Il-konvenut esebixxa sketch biex jispjega kif sehh l-incident. Dana gei mmarkat Dok.GB1. Huwa jikkonferma fejn intlaqtet l-attrici.**

**5. It-Tribunal jaghmel referenza ghar-rizultanzi tal-Pulizija dwar id-danni, u cioe` li l-vettura LAB-017 kellha danni fil-mudguard ta' wara fuq in-naha tal-lemin, filwaqt li l-vettura JAK-453 kellha danni fuq il-mudguard ta' quddiem, il-bumper ta' quddiem u l-indicator ta' quddiem in-naha tax-xellug. It-Tribunal qed joqghoid fuq dawn bhala d-danni riportati fil-vetturi.**

**6. Ghalhekk l-impatt kien bejn l-parti ta' wara tal-lemin tal-vettura tal-konvenut mal-parti ta' quddiem tax-xellug tal-vettura ta' Mallia.**

**7. In vista tad-danni kif riportati huwa verosimili li l-konvenut kien qed jikser minn quddiem l-attrici, u l-istess attrici ma ndunatx bih u baqghet miexja ghall go fih. Ghalhekk fic-cirkostanzi iz-zewg partijeit ghandhom responsabilita` ugwali ghall-incident li sehh.**

**8. Id-danni jirrizultaw pruvati fl-ammont mitlub, u peress li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb biss ghal nofs id-danni, jigi li dan ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' mija u sbaghtax-il lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm117.77).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara lill-partijiet responsabbli fi grad ugwali ghall-incident li sehh u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebgha u sittin lira maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm67.77), u lill-attur Costantino Axisa s-somma ta' hamsion lira Maltija (Lm50.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum sad-data tal-hlas effettiv.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------